MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Numru 918/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa')**

**vs**

**Christopher Bugeja**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Christopher Bugeja ta' 30 sena, bin Mark u Nathalie nee' Camilleri, imwieled Pieta' fil-5 ta' Gunju 1979 u residenti f' 16, Triq Santa Marija, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita' numru 279779(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'dawn il-Gzejjer, f' Mejju 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, appropja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet

fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' ha u zamm ghandu l-ammont ta' flus li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Ignazio Anastasi Limited, liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar tat-22 ta' Jannar 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa kkopera bis-shih fil-kors ta' l-investigazzjonijiet, l-fatt li ghandu fedina penali relattivament netta kif ukoll li hallas lura l-ammont dovut lil vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri jintbghatu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------